

ECDC LAQGĦA INFORMATTIVA TA' POLITIKA



Thejjiġa għaż-Zika fl-UE

Sommarju

L-epidemija taż-Zika qiegħda tkompli tinfirex fil-Kontinent Amerikan u fil-Karibew b'ħafna pajjiżi milquta attwalment fid-dinja kollha. Issa hemm evidenza ta' assoċjazzjoni bejn li infezzjoni bil-virus matul it-tqala u malformazzjonijiet konġenitali tal-moħħ tal-fetu li jkun qiegħed jiżviluppa. Hemm ukoll assoċjazzjoni bejn l-infezzjoni bil-virus taż-Zika u s-sindrome ta' Guillain-Barré, li hija kkaratterizzata minn paraliżi u sintomi newroloġiċi oħrajn fl-adulti u, inqas komuni, anke fit-tfal.

Każijiet akkwistati lokalment tal-infezzjoni bil-virus taż-Zika huma possibbli dan is-sajf fl-Ewropa, f'pajjiżi li għandhom popolazzjoni kbira ta' nemus *Aedes albopictus* (nemusa li hija kapaċi titrażmetti ż-Zika), u fejn il-fatturi ekoloġiċi u klimatiċi jiffavorixxu t-trażmissjoni.

Fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira (il-Portugall), hemm probabbiltà oġġha ta' każijiet taż-Zika akkwistati lokalment milli fl-Ewropa kontinentali. In-nemusa ewlenija li hija kapaċi titrażmetti ż-Zika, *Aedes aegypti*, hija preżenti f'Madeira filwaqt li hija biss in-nemusa inqas effiċjenti *Aedes albopictus* li nstabet fl-Ewropa kontinentali.

Fl-Ewropa qegħdin jidhru każijiet importati tal-virus taż-Zika, u dawn huma mistennija li jissoktaw, minħabba n-numru kbir ta' nies li jivjaġġaw bejn ir-reġjuni l-aktar milquta u l-Ewropa. It-trażmissjoni sesswali taż-Zika wkoll hija mistennija minn vjaġġaturi li jirritornaw minn żoni milquta, u diġà qiegħda tiġi rrapportata f'ċerti pajjiżi.

Huwa importanti li l-pajjiżi tal-UE jkunu lesti għal din it-treddida. Dan jeħtieġ pjanijiet operattivi għal miżuri ta' rispons, fosthom il-kapaċità li l-każijiet jiġu skoperti u dijanjostikati minn kmieni u li ssir sorveljanza, u li

jkun hemm provvista ta' riżorsi adegwati biex isostnu l-kontroll tan-nemus aħjar. F'każ li dan ma jseħħ, dan jista' jwassal għal tixrid usa' tal-marda, li jirriżulta fi spejjeż akbar għall-kontroll tan-nemus u l-kura għan-nies milquta, u aktar tħassib fost il-pubbliku ġenerali.

Hija meħtieġa reazzjoni integrata u l-pajjiżi jistgħu jikkonsolidaw il-pjanijiet tagħhom fuq:

- sensibilizzazzjoni klinika li tippermetti dijanjożi bikrija
- kapaċità tal-laboratorju għall-kxif taż-Zika
- sorveljanza
- miżuri ta' kontroll tan-nemus
- komunikazzjoni pubblika

Il-kwistjoni

Dan id-dokument jenfasizza l-miżuri ta' thejjiġa li jistgħu jnaqqsu r-riskju ta' tixrid tal-virus taż-Zika fl-Ewropa kontinentali, primarjament biex in-nisa tqal u n-nisa li jixtiequ jkollhom tarbija jkunu protetti, meta titqies l-evidenza tal-assoċjazzjoni bejn il-virus taż-Zika u l-malformazzjonijiet konġenitali tal-moħħ tal-fetu li jkun qiegħed jiżviluppa.

Minħabba n-numru kbir ta' nies li jivjaġġaw bejn ir-reġjuni milquta miż-Zika u l-Ewropa hemm il-possibbiltà li l-virus jiġi introdott fl-Ewropa.

In-nemus li huwa kapaċi jitrażmetti l-virus taż-Zika huwa preżenti f'ċerti partijiet tal-Ewropa, speċjalment fin-Nofsinhar tal-Ewropa (ara Figura 1). Dan ifisser li każijiet tal-infezzjoni bil-virus taż-Zika jistgħu jseħħu meta persuna tingidem fl-UE minn nemusa infettata, kif ukoll każijiet akkwistati fl-UE permezz tat-trażmissjoni sesswali.

Il-każijiet taż-Zika fil-vjaġġaturi li jirritornaw lura f'pajjiżhom, kif ukoll il-każijiet importati ta' malformazzjonijiet konġenitali tal-imħuħ ta' feti li jkunu għadhom qegħdin jiżviluppaw, diġà qegħdin jiġu rreġistrati fil-pajjiżi tal-UE. It-trażmissjoni sesswali tal-virus taż-Zika għe ddotumentat ukoll u jista' jseħħ fl-Ewropa minn vjaġġaturi li jirritornaw minn żoni milquta.

Implikazzjonijiet ta' nuqqas ta' azzjoni

Il-kxif bikri ta' każijiet jista' ma jseħħx jekk ikun hemm nuqqas ta' sensibilizzazzjoni fost it-tobba dwar is-sintomi taż-Zika, jew jekk ikun hemm kapaċità limitata tal-laboratorju. Barra minn hekk, nuqqas ta' miżuri ta' kontroll tan-nemus f'waqthom u xierqa, nuqqas ta' informazzjoni lill-pubbliku dwar ir-riskji tat-trażmissjoni sesswali u prevenzjoni inadegwata tal-gdim tan-nemus jistgħu jżidu wkoll il-probabbiltà tat-tixrid tal-virus.

Il-piż ekonomiku possibbli tal-każijiet taż-Zika fl-UE jistgħu jkunu sinifikanti u jirriżultaw minn:

- **Sorveljanza klinika addizzjonali meħtieġa għal nisa tqal li jkunu jinsabu fiż-żoni milquta jew li jkunu qegħdin jirritornaw minnhom:** in-nisa tqal huma mħeġġa biex jiġu mmonitorjati u segwiti regolarment jekk ikunu ġew esposti għall-virus taż-Zika.
- **Konsegwenzi fit-tul tal-kura tat-trabi li jkunu twieldu bil-mikroċefalija:** mikroċefalija hija kundizzjoni tul il-ħajja bl-ebda kura magħrufa jew kura standard għaliha. It-trabi li jitwieldu b'din il-kundizzjoni jeħtieġu kontrolli mediċi regolari u assistenza medika biex jimmonitorjaw u jappoġġjaw it-tkabbir u l-iżvilupp tagħhom.
- **Spejjeż tal-kura tas-saħħa għall-ġestjoni tal-każijiet tas-sindrome ta' Guillain-Barré:** il-każijiet spiss ikunu jeħtieġu kura b'ventilazzjoni mekkanika f'unitajiet ta' kura intensiva.

Il-benefiċċji tal-investment fit-tul fit-thejġija huma ċari. Importazzjonijiet ġodda, bi problemi simili, huma mistennija fil-futur, u t-tfassil ta' prattiki ta' thejġija tajbin jippermettu lill-pajjiżi biex jadattaw aħjar għaż-Zika u għal virusis oħrajn li jittieħdu mill-*Aedes* bħal dengue u chikungunya.

X'jista' jsir?

X'jista' jsir biex jiġi żgurat kxif bikri u reazzjoni rapida sabiex jitnaqqas ir-riskju tat-trażmissjoni fl-UE?

Il-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa jistgħu jiġu mħarrġa dwar l-importanza ta' kxif bikri tal-virus taż-Zika. Jistgħu jiġu stabbiliti linji gwida u proċeduri għat-tobba dwar kif għandhom jitrattaw lill-pazjenti b'suspett taż-Zika (inkluż it-teħid ta' miżuri biex jitnaqqas ir-riskju tal-każijiet umani li jintroduċu l-virus fil-popolazzjoni lokali tan-nemus), dwar kif jikkonfermaw l-infezzjoni taż-Zika u dwar kif jirrapportaw il-mard li jittieħed min-nemus.

F'każ ta' twissija għas-saħħa pubblika, pereżempju wara li jseħħu każijiet lokali, jekk l-informazzjoni tiġi ċċirkolata immedjatament lill-professjonisti kollha tal-kura tas-saħħa, lis-servizzi tas-saħħa pubblika u lil

setturi oħrajn bħall-ambjent, it-trasport u t-turiżmu, din tkun tista' tippermetti l-identifikazzjoni immedjata tal-każijiet.

Huwa importanti li l-awtoritajiet nazzjonali jiżguraw kapaċità tal-laboratorju suffiċjenti u vvalidata għall-kxif tal-virus, l-identifikazzjoni tal-virus u l-ittestjar seroloġiku. Jenħtieġ li jiġu mħeġġa kollaborazzjoni u komunikazzjoni b'saħħithom bejn il-laboratorji lokali u l-laboratorji ta' referenza għall-ittestjar addizzjonali.

Id-data ta' sorveljanza u monitoraġġ għandha tiġi kondiviża b'mod sistematiku u regolari bejn is-setturi u fil-livelli kollha (il-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali). Il-pajjiżi ntalbu wkoll jirrapportaw il-każijiet lis-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza (TESSy).

L-involvement tal-Komunità fil-kontroll tal-popolazzjonijiet tan-nemus permezz ta' miżuri individwali kif ukoll kollettivi jista' jiġi promoss.


Liema miżuri ta' kontroll huma disponibbli f'każ ta' trażmissjoni lokali?

Huwa importanti li jiġu pplanati u jithejġew miżuri ta' kontroll tan-nemus sabiex huma jkunu jistgħu jiġu attivati minnufih hekk kif jinkixfu każijiet importati. In-nuqqas ta' għarfien bikri tal-każijiet lokali ta' chikungunya fl-Italja ta' fuq fl-2007 irriżulta mit-tixrid tal-marda għal aktar minn 200 każ fir-reġjun [Rezza, et al. 2007].

Il-miżuri li jistgħu jittieħdu mill-awtoritajiet matul tifqigħa jinkludu t-tnaqqis fin-numru tan-nemus adult permezz ta' bexx mill-ajru bl-insettiċidi skont ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali tal-UE (Regolament (UE) 528/2012) Il-politiki ġenerali għall-użu ta' prodotti bijoċidali fil-livell istituzzjonali jew tal-komunitajiet lokali jistgħu jiġu implimentati għall-kontroll tal-vettur fil-livell nazzjonali.

Riżorsi utli tal-ECDC

- [Algoritmu għall-ġestjoni tas-saħħa pubblika tal-każijiet taħt investigazzjoni għall-infezzjoni tal-virus taż-Zika](#) huwa disponibbli u jista' jintuża għall-pazjenti sintomatiċi.
- [Linji gwida għas-sorveljanza ta' nemus invażiv fl-Ewropa](#) jipprovdu ħarsa ġenerali tas-sorveljanza entomoloġika fil-livelli nazzjonali u subnazzjonali.
- [Gwida interim għall-fornituri fil-qasam tal-kura tas-saħħa u d-dijanjożi tal-laboratorju tal-virus taż-Zika](#) hija disponibbli onlajn u tista' tintuża bħala gwida għall-kampjuni ta' dijanjożi tal-laboratorju.
- [L-epidemija tal-marda tal-virus taż-Zika: Gwida għal pjanijiet ta' thejġija għall-mard trażmess minn *Aedes aegypti* u *Aedes albopictus*](#) tenfasizza l-miżuri li jistgħu jnaqqsu r-riskju ta' importazzjoni u t-trażmissjoni lokali tal-mard trażmess minn *Ae. aegypti* u *Ae. Albopictus* b'mod effettiv.
- [Il-paġna dwar it-tifqigħa taż-Zika](#) tinkludi l-kontenut kollu prodott mill-ECDC dwar it-tifqigħa attwali taż-Zika

Figura 1. Oqsma fl-Ewropa fejn l-*Aedes albopictus* hija preżenti, Jannar 2016

Sors: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, VectorNet. Stockholm: (Stokkolma:) 2016.

Il-mobilizzazzjoni tal-pubbliku ġenerali biex jiġu implimentati miżuri ta' kontroll tal-vettur fl-ambjent tagħhom stess (it-tnaqqis ta' siti tat-trobbija, il-miżuri ta' protezzjoni personali) hija importanti wkoll. Matul it-tifqigħa tad-dengue f'Madeira fl-2012, saru kampanji ta' tixrid ta' informazzjoni minn bieb għal bieb kif ukoll attivitajiet ibbażati fuq il-komunità li jinvolvu setturi differenti tas-soċjetà flimkien ma' posts fuq il-midja soċjali [Sousa, et al. 2012].

X'jista' jsir biex jitnaqqas ir-riskju ta' ħsara relatata maż-Zika lin-nisa tqal?

Minħabba l-evidenza ta' assoċjazzjoni bejn li tkun infettat bil-virus taż-Zika matul it-tqala u malfurmazzjonijiet konġenitali tal-moħħ tal-fetu li jkun għadu qiegħed jiżviluppa, tista' tittieħed azzjoni biex in-nisa tqal u n-nisa li jkunu jixtiequ li jkollhom tarbija jiġu infurmati bir-riskju tal-infezzjoni taż-Zika, u bl-aħjar modi kif jistgħu jipprevjenu l-gdim tan-nemus.

Jistgħu jingħataw pariri ċari lin-nisa tqal u lin-nisa li jkunu jixtiequ li jkollhom tarbija meta jivjaġġaw lejn u minn żoni bi trażmissjoni attiva tal-virus kif ukoll lin-nisa residenti f'żoni ta' riskju.

Sorveljanza u segwitu msaħħin (b'parir kliniku, servizzi dijanjostiċi, u kura xierqa) ta' nisa tqal li jirritornaw minn żoni bi trażmissjoni attiva, jistgħu jitqiesu, f'konformità mal-linji gwida nazzjonali.

Aktar sensibilizzazzjoni fost ostetriċi u newrologi dwar is-sintomi tal-infezzjoni bil-virus taż-Zika tippermetti kxif bikri tal-każijiet.

Kien hemm numru ta' każijiet dokumentati tal-virus taż-Zika trażmess sesswalment mill-irġiel għan-nisa. Il-pajjiżi jistgħu jqisu l-għoti ta' gwida ċara dwar il-prekawzzjonijiet li l-irġiel u n-nisa jista' jkollhom bżonn jieħdu wara li jirritornaw minn żoni bi trażmissjoni attiva, fir-rigward tat-tul ta' żmien wara r-ritorn tagħhom li fih huma jenħtieġ li jipprattikaw sess sikur.

X'jista' jsir biex jitnaqqas r-riskji tat-trażmissjoni permezz ta' trasfużjonijiet u trapjanti?

Id-donazzjonijiet minn donaturi tad-demem u donaturi ħajjin ta' ċelloli u tessuti (bħas-semen) li huma f'riskju li jkunu infettati bil-virus taż-Zika jistgħu jiġu differiti temporanjament. L-ECDC jista' jipproduċi mapep kull ġimgħa li juru ż-żoni ta' trażmissjoni lokali taż-Zika li tittieħed min-nemus. Din l-informazzjoni tista' tintuża mill-awtoritajiet nazzjonali biex jidentifikaw żoni ta' trażmissjoni u miżuri ta' sigurtà għal sustanzi tal-oriġini tal-bniedem (SoHO, substances of human origin) li jistgħu jiġu applikati, simili għal dawk li huma diġà stabbiliti għad-deni tan-Nil tal-Punent (West Nile fever). L-iskrinjar tal-laboratorju ta' demem mogħti li juża test tal-RNA bl-aċidu nukleju jista' jintuża biex iżomm provvista tad-demem sostenibbli.

Pjanijiet ta' thejġija dwar is-sigurtà ta' SoHO f'żoni li jirrapportaw każijiet jenħtieġ li jkunu lesti biex jiġu attivati. Pjanijiet bħal dawn jinkludu azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati mill-awtoritajiet nazzjonali, l-istabbilimenti ta' SoHO u atturi oħrajn responsabbli mis-sigurtà u l-kwalità tal-prodotti ta' SoHO.

Il-pjan jista' jqis ukoll l-applikazzjoni ta' miżuri preventivi ma' kull pass kritiku tal-katina tal-provvista

ta' SoHO. Il-pjan ta' thejġija jista' jstabbilixxi wkoll metodi biex jivvaluta r-riskju kontinwament, skont is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali.

Evidenza

Prevenzjoni integrata b'suċċess u reazzjoni għat-tifqigħa ta' chikungunya f'Montpellier, fi Franza

Dan li ġej huwa eżempju ta' prevenzjoni integrata b'suċċess u programm ta' rispons fi Franza biex tiġi kkontrollata tifqigħa ta' chikungunya – virus ieħor trażmess mill-*Aedes albopictus*.

Fl-2014, f'Montpellier seħnew 12-il każ tat-tifqigħa ta' chikungunya li ġew trażmessi lokalment min-nemusa *Aedes albopictus*, l-istess nemusa li wkoll tista' titrażmetti z-Zika [Delisle, et al. 2015]. L-ewwel każ kien vjaġġatur li kien ġej lura mill-Kamerun.

L-awturi jgħidu li n-nuqqas ta' trattament ta' kontroll tal-vettur immedjat madwar ir-residenza tal-każ primarju u n-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni taċ-chikungunya fost il-professjonisti tal-kura tas-saħħa ffaċilitaw it-tixrid tal-virus. Madankollu, pjan ta' thejġija tajjeb mill-awtoritajiet Franċiżi li ffoka fuq investigazzjonijiet epidemjoloġiċi u trattamenti ta' kontroll tan-nemus ripetuti kellhom rwol fil-kontroll immedjat tat-tifqigħa. Il-pjan ippermetta wkoll l-antiċipazzjoni ta' riżorsi meħtieġa f'każ ta' tifqigħa u għodod regolatorji pprovduti, bħad-deskrizzjoni fid-dettall ta' min kien responsabbli għal xiex, u kif għandha tiġi kkomunikata l-informazzjoni għal livelli differenti ta' riskju.

L-azzjonijiet li ttieħdu wara l-identifikazzjoni tal-każ primarju kienu: sorveljanza tan-nemus fil-veċinat, trattament ta' kontroll tan-nemus ripetut eżatt wara l-identifikazzjoni tal-każ primarju u kampanja ta' informazzjoni aggressiva.

L-involviment tal-popolazzjoni lokali u l-ħaddiema tal-kura tas-saħħa kien fattur ewlieni fil-kontroll b'suċċess tat-tifqigħa. L-awturi jissuġġerixxu pjan ta' thejġija qabel ma jseħħu l-każijiet mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali, il-professjonisti tal-kontroll tan-nemus u l-laboratorji nazzjonali biex jitjeb ir-rispons tas-saħħa pubblika, f'dan il-każ, għat-tifqigħa ta' chikungunya.

Sorsi

Dan id-dokument ibbaża fuq ir-rapporti, l-artikli u l-litteratura li ġejjin:

1. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. Rapid Risk Assessment. (Valutazzjoni tar-Riski Rapida.) Zika virus disease epidemic: (L-epidemija tal-marda tal-virus taż-Zika:) Sixth update, 20 May 2016. (Is-sitt aġġornament, 20 ta' Mejju 2016) Stockholm: (Stokkolma:) ECDC; 2016.
2. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. Zika virus disease epidemic: (L-epidemija tal-marda tal-virus taż-Zika:) Preparedness planning guide for diseases transmitted by *Aedes aegypti* and *Aedes albopictus*. (Gwida għal pjanijiet ta' thejġija għall-mard trażmess mill-*Aedes aegypti* u *Aedes albopictus*.) Stockholm: (Stokkolma:) ECDC; 2016.
3. Rezza G, Nicoletti L, Angelini R, Romi R, Finarelli AC, Panning M, et al. Infection with chikungunya virus in Italy: an outbreak in a temperate region. (Infezzjoni bil-virus ta' chikungunya fl-Italja: tifqigħa f'reġjun bi klima moderata.) Lancet. 2007 Dec 1;370(9602):1840-6.
4. Delisle E, Rousseau C, Broche B, Leparç-Goffart I, L'Ambert G, Cochet A, et al. Chikungunya outbreak in Montpellier, France, September to October 2014. (It-tifqigħa ta' chikungunya

f'Montpellier, fi Franza, Settembru sa Ottubru 2014.) Euro Surveill. 2015;20(17).

5. Sousa CA, Clairouin M, Seixas G, Viveiros B, Novo MT, Silva AC, et al. Ongoing outbreak of dengue type 1 in the Autonomous Region of Madeira, Portugal: preliminary report. (It-tifqigħa kontinwa ta' dengue tat-tip 1 fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira, fil-Portugall:) Euro Surveill. 2012;17(49).
6. Centers for Disease Control and Prevention: (Ċentri għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard:) Facts about microcephaly (Fatti dwar il-mikroċefalija) <http://www.cdc.gov/ncbddd/birthdefects/microcephaly.html>.

Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar theddid serju transkonfinali għas-saħħa, il-Kummissjoni Ewropea tikkordina mal-Istati Membri tal-UE permezz tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa biex tiżgura skambju ta' informazzjoni u s-sinkronizzazzjoni tal-miżuri fl-Ewropa kollha. Ir-rwol tal-ECDC jinsab fil-valutazzjoni tar-riskju u jipprovi appoġġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri tal-UE.

Il-laqgħat informattivi ta' politika tal-ECDC huma dokumenti qosra li jenfazizzaw problema tal-kura tas-saħħa partikolari u joffru ideat ibbażati fuq l-evidenza dwar x'jista' jsir biex din tkun tista' tiġi indirizzata, għall-attenzjoni tal-persuni li jfasslu l-politika u dawk li jinfluwenzaw fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali.

Il-fajls ta' tfassil huma ppubblikati flimkien ma' PDF sabiex id-dokument ikun jista' jiġi adattat għall-użu fil-livell nazzjonali, pereżempju billi l-kitba tiġi tradotta f'lingwi oħrajn.

Ċitazzjoni ssuġġerita: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. Preparing for Zika in the EU. (Thejġija għaż-Zika fl-UE.) Stockholm: (Stokkolma:) ECDC; 2016.

Numru tal-katalgu: TQ-04-16-490-MT-N
ISBN: 978-92-9193-937-4
DOI: 10.2900/19413

Stampa prinċipali: Eric Bridiers, US Mission Geneva. Creative Commons (CC BY 2.0)

© Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, 2016. Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma' s-sorsi oriġinali.